**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 67/12VG**

**Gilang Limited**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Illum 22 ta' Ottubru 2015**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà Gilang Limited fis-26 ta' April 2012 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jordna r-revizjoni tal-*provisional assessments* mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront taghha ghall-perijodi ta' taxxa 01/09/2007 - 30/11/2007; 01/12/2007 - 31/12/2007 u 01/01/2008 - 29/02/2008 billi, wara li jordna d-debita allokazzjoni ta' xiri min-Numru tal-VAT MT1853-8527 ghall-bejgh iddikjarat fid-denunzja tal-VAT ta' Johann Farrugia, registrat bin-Numru tal-VAT MT1182-9536, jiddikjara li ebda ammont ta' VAT ma huwa minnha dovut lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-imsemmija perijodi ta' taxxa;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 5 sa' 11 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) in linea preliminari l-appell huwa irritu u null in kwantu tardiv b'56 gurnata; u (ii) fil-meritu l-aggravji tas-socjetà Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jeccepixxi wkoll illi a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ghandu jichad kull talba tas-socjetà Rikorrenti biex tipprezenta dokumentazzjoni f'dan l-istadju;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "I" a fol. 19 sa' 40 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2012[1] il-partijiet kontendenti qablu li fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), it-Tribunal jittratta u jiddeciedi tali eccezzjoni qabel ma jittratta l-mertu ta' l-appell;

[1] Fol. 51 tal-process.

Sema' x-xhieda ta' Roderic Sultana in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Mejju 2013[2] u tas-17 ta' Ottubru 2013[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RC1" u Dok. "RC2" a fol. 62 sa' 66 tal-process u Dok. "GV1" a fol.71 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta stimi mahruga fil-konfront taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa 01/09/2007 - 30/11/2007, 01/12/2007 - 31/12/2007 u 01/01/2008 - 29/02/2008. Hija tikkontendi li dawn l-istimi ghandhom jigu riveduti fis-sens illi wara li jigi debitament allokat ix-xiri min-Numru tal-VAT MT1853-8527 ghall-bejgh dikjarat fid-denunzja tal-VAT ta' Johann Farrugia registrat bin-Numru tal-VAT MT 1182-9536, liema bejgh gie hekk dikjarat a bazi ta' ftehim milhuq bejn Angelo Barone u Gigliola de Renzi min-naha l-wahda u Johann Farrugia min-naha l-ohra, u dan skond parir li kienu hadu meta skoprew illi l-fond minn fejn kellu jigi gestit restaurant bl-isem "Aroma" ma kienx proprjetà ta' Johann Farrugia izda proprjetà tal-Gvern koncess b'titolu ta' lokazzjoni lil Johann Farrugia minghajr però id-dritt ta' sullokazzjoni, ghandu jirrizulta li ebda ammont ta' VAT ma huwa minnha dovut ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud stante li: (a) in linea preliminari l-appell huwa rritu u null in kwantu tardiv b'56 gurnata; u (b) fil-meritu l-aggravji u konsegwenti talba tas-socjetà Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Jikkontendi wkoll illi a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ghandu jichad kull talba tas-socjetà Rikorrenti biex tipprezenta dokumentazzjoni f'dan l-istadju.

Il-partijiet kontendenti qablu li fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), it-Tribunal ghandu l-ewwel jittratta u jiddeciedi din l-eccezzjoni qabel ma jittratta l-appell tas-socjetà Rikorrenti fil-mertu[4] u ghaldaqstant b'din id-decizjoni qed tigi determinata appuntu l-eccezzjoni preliminari dwar in-nullità ta' l-appell in kwantu tardiv sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

In kwantu rigwarda appell minn stimi l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li *kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal* (Artikolu 43 ta' l-Att); *appell kontra stima ma jkunx validu sakemm* - [jkun sar] *fi zmien tletin gurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell* (Partita 2(c) tad-Disa' Skeda ta' l-Att); u *stima* tfisser *stima li tista' ssir bis-sahha tad-disposizzjonijiet tat-Taqsima V izda ma tinkludix stima provvizorja* (Artikolu 2 ta' l-Att).

In sostenn ta' l-eccezzjoni preliminari tieghu d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), tramite x-xhud Roderic Sultana[5], ipprezenta l-istimi mahruga kontra s-socjetà

---

[2] Fol. 67 sa' 69 tal-process.
[3] Fol. 70 tal-process.
[4] Vide verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju 2012 a fol. 51 tal-process.
[5] Xehed waqt is-seduti tal-21 ta' Mejju 2013, fol. 67 sa' 69 tal-process, u waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013, fol.70 tal-process.

Rikorrenti ghall-perijodi ta' taxxa 01/09/2007 - 30/11/2007, 01/12/2007 - 31/12/2007 u 01/01/0228 - 29/02/2008[6] flimkien ma' l-Advice Receipt Card relattiva ghan-notifika ta' l-istess stimi[7], kif ukoll il-*Local Track and Trace* tal-Maltapost dwar l-ittra bin-Numru ta' Registrazzjoni RR515689801MT[8] u Registered Mail List tal-Maltapost datata 30 ta' Jannar 2012[9] li turi li dik l-ittra registratat kienet appuntu indirizzata lis-socjetà Rikorrenti.

Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li fis-26 ta' Jannar 2012 inhargu fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti stimi ai termni ta' l-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi stimi li minnhom seta' jigi intavolat appell, ghall-perijodi ta' taxxa 01/09/2007 - 30/11/2007, 01/12/2007 - 31/12/2007 u 01/01/0228 - 29/02/2008. Dawn l-istimi gew indirizzati lis-socjetà Rikorrenti fl-indirizz Flat 4, No. 4, Golden Wings, Triq Gorg Borg Olivier, Sliema, liema indirizz huwa l-indirizz registrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bhala indirizz postali u tan-negozju tas-socjetà Rikorrenti u dan skond ma jirrizulta mid-dokument Dok."E" anness mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol.28 tal-process. L-istimi gew effettivament notifikati fl-indirizz imsemmi fil-**31 ta' Jannar 2012** u l-appell minn tali stimi quddiem dan it-Tribunal gie intavolat mis-socjetà Rikorrenti fis-**26 ta' April 2012**, ossia ben oltre t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fil-Partita 2(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Raggunta din il-konkluzzjoni T-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li mid-dokumenti rispettivament esebiti mill-partijiet kontendenti flimkien mar-Rikors promotur u mar-Risposta jirrizulta s-segwenti:

1. Fl-14 ta' Dicembru 2011 inhargu stimi provvizorji fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti ghall-perijodi ta' taxxa 01/09/2007 - 30/11/2007, 01/12/2007 - 31/12/2007 u 01/01/0228 - 29/02/2008;
2. Dawn l-istimi gew notifikati lis-socjetà Rikorrenti f'xi gurnata bejn l-14 ta' Dicembru 2011 u l-20 ta' Dicembru 2011 u dan skond l-Advice of Receipt Card a fol.29 tal-process;
3. Fis-26 ta' Jannar 2012, u cioè f'mhux inqas minn tletin gurnata u mhux izjed minn sitt xhur min-notifika ta' l-istimi provvizorji lis-socjetà Rikorrenti, inhargu l-istimi finali ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni a tenur ta' l-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Dawn l-istimi, kif appena osservat, gew notifikati lis-socjetà Rikorrenti fil-31 ta' Jannar 2012;
5. Fil-21 ta' Frar 2012 is-socjetà Rikorrenti ghal ragunijiet li taf hi biss, minflok ipprezentat appell quddiem dan it-Tribunal baghtet *request for the reopening of an investigation* lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
6. Ghalkemm kienu già inhargu l-istimi finali fis-26 ta' Jannar 2012, liema stimi kienu gew notifikati fil-31 ta' Jannar 2012, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghal ragunijiet li jaf hu biss, ghazel li jikkonsidra t-talba tas-socjetà Rikorrenti izda b'ittra datata 30 ta' Marzu 2012 id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) informa lis-socjetà Rikorrenti li *please refer to your request for a review regarding the provisional assessment issued dated 14th December 2011. I am to inform you that after reviewing your case, the provisional assessments are being confirmed. Assessment for the above mentioned tax periods will be sent in due course. If however*

[6] Fol. 63 sa' 65 tal-process.
[7] Fol. 62 tal-process.
[8] Fol. 66 tal-process.
[9] Fol. 71 tal-process.

*you feel aggrieved by the assessment an appeal may be lodged with the Value Added Tax Appeals Board in terms of Article 43 of the VAT Act of 1998.*

It-Tribunal huwa ferm perpless bl-ghazliet li ghamlu kemm is-socjetà Rikorrenti u id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u bil-mod kif injoraw il-provvedimenti tal-Ligi u donnhom segwew procedura *ad hoc*. Madanakollu però, ladarba f'dan il-kaz inhargu u gew notifikati stimi ai termini ta' l-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u ma jirrizultax li dawk l-istimi gew irtirati mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), it-Tribunal huwa obbligat li japplika il-provvedimenti tal-Ligi relattivi u jiddikjara l-appell odjern null in kwantuipprezentat oltre t-terminu statutorju ta' tletin gurnata min-notifika ta' l-istimi finali lis-socjetà Rikorrenti.

Jigi osservat li fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jistax jaghmel mod iehor ghaliex hu principju guridiku stabbilit li *l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalità u nullità tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio ... ... In-nullità tattakka l-att innifsu. Dak l-att il fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill- mod kif l-irregolarita ` tkun giet migjuba a konoxxenza taghha.*[10]

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u jiddikjara l-appell tas-socjetà Rikorrenti rritu u null in kwantu tardiv u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mis-socjetà Rikorrenti.

It-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[10] Giuseppi Caruana v. Charles sive Charlie Psaila, Appell, 21 ta' Marzu 1997 u Paul Cassar v. Victoria Tabone, Rik. Nru. 2/99, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003.